31995R2964

L 310/5 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 22.12.1995

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2964/95
ta' l-20 ta' Diċembru 1995
li jintroduċi r-reġistrazzjoni għall-importazzjonijiet żejt mhux raffinat u l-kunsinni tiegħu fil-Komunità

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 213 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-istabbiliment ta' politika komuni dwar l-enerġija huwa wieħed mill-għanijiet li l-Komunità kkommetiet ruħha li tilħaq; billi huwa għall-Kummissjoni li tipproponi miżuri li għandhom jittieħdu għal dan il-għan;

Billi s-sigurtà fil-provvista bi prezzijiet stabbli hija wieħed mill-għanijiet ta' dik il-politika;

Billi t-trasparenza fis-suq hija mixtieqa;

Billi, in vista tas-sitwazzjoni tal-forniment u biex jiġi stabilizzat is-suq tal-Komunità u jkun żgurat li t-tlugħ u l-inżul anormali tas-swieq mondjali ma jkollhomx impatt sfavorevoli fuq is-suq tal-Komunità, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiġu mgħarrfa, regolarment kull tant żmien, dwar il-prezzijiet għall-provvista taż-żejt mhux raffinat;

Billi, permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1893/79 [1], il-Kunsill introduċa arranġamenti għar-reġistrazzjoni ta' l-importazzjonijiet ta' żejt mhux raffinat fil-Komunità;

Billi, permezz tar-Regolament (KEE) Nru 2592/79 [2], il-Kunsill stabbilixxa regoli għat-twettiq tar-reġistrazzjoni ta' l-importazzjonijiet taż-żejt mhux raffinat fil-Komunità kif provdut fir-Regolament (KEE) Nru 1893/79;

Billi ladarba dawk ir-Regolamenti skadew fil-31 ta' Diċembru 1991 ir-regoli li huma stabbilew għandhom jerġgħu jiġu introdotti, filwaqt li jiġu adattati għall-kondizzjonijiet kummerċjali prevalenti fis-swieq internazzjonali taż-żejt u għall-għan li tinżamm jew tittejjeb il-kwalità ambjentali; billi r-rekwiżiti dwar ir-rapporti għandhom jiġu allinjati, kemm jista' jkun mar-rekwiżiti ta' l-awtorijatjiet nazzjonali u ta' l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Kull persuna jew impriża li timporta żejt mhux raffinat minn pajjiżi terzi jew li tirċievi kunsinna ta' żejt mhux raffinat minn Stat Membru ieħor tiġi obbligata li tagħti informazzjoni lill-Istat Membru li fih tkun stabbilita dwar il-karatteristiċi ta' l-importazzjonijiet jew il-kunsinni.

L-Artikolu 2

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li jirreferi għaliha l-Artikolu 1, l-Istati Membri għandhom, minn żmien għal żmien, jibgħatu lill-Kummissjoni dik l-informazzjoni li tagħmilha possibbli li tinkiseb stampa vera ta' l-iżviluppi fil-kondizzjonijiet li taħthom twettqu l-importazzjonijiet u l-kunsinni.

Din l-informazzjoni għandha tiġi ċċirkolata lill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

L-informazzjoni miġbura u mibgħuta skond dan ir-Regolament għandha tkun konfidenzjali.

Din id-dispożizzjoni m'għandhiex timpedixxi l-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni ġenerali jew l-informazzjoni fil-qosor li ma jkunx fiha dettalji dwar impriżi individwali.

L-Artikolu 4

1. L-informazzjoni li persuni jew impriżi huma obbligati li jibagħtu lill-Istati Membri li fihom huma jkunu stabbiliti għandha tkun dwar kull importazzjoni jew kunsinna ta' żejt mhux raffinat bi prezz speċifiku.

2. "Importazzjoni" tfisser kull kwantità ta' żejt mhux raffinat li tidħol fit-territorju doganali tal-Komunità għall-finijiet barra dawk ta' transitu. "Kunsinna" tfisser kull kwantità ta' żejt mhux raffinat li tkun ġejja mingħand Stat Membru ieħor għall-għanijiet barra dak ta' transitu. L-importazzjonijiet jew il-kunsinni mwettqa f'isem kumpaniji stabbiliti barra l-pajjiż importatur u intenzjonati kollha kemm huma għall-irraffinar b'kuntratt u għall-esportazzjoni sussegwenti fil-forma ta' prodotti rraffinati għandhom jiġu eskluži.

3. Madankollu, ż-żejt estratt minn qiegħ il-baħar li fuqu Stat Membru jkun jeżerċita d-drittijiet esklussivi għall-finijiet ta' l-esplojtazzjoni m'għandux jitqies, meta jidħol fit-territorju doganali tal-Komunità, bħala importazzjoni fis-sens tal-paragrafu 2.

---

[1] ĠU L 220, tat-30.8.1979. Regolament Kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) 1370/90 (L 133, ta' l-24.5.1990, p. 1.).

[2] ĠU L 297, ta' l-24.7.1979, p. 1. Regolament Kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) 1370/90 (GU L 33, ta' l-24.5.1990, p. 1.).

L-Artikolu 5

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 1 il-karatteristiċi ta' kull importazzjoni jew kunsinna ta' żejt mhux raffinat għal ġewwa Stat Membru għandhom jinkludu:

— l-ispeċifikazzjoni taż-żejt mhux raffinat, inkluża l-gravità ta' l-API,

— il-kwantità fi bramel,

— il-prezz *cif* li tħallas għal kull barmil,

— il-perċentwal tal-kontenut ta' kubrit.

L-Artikolu 6

L-informazzjoni li jirreferu għaliha l-Artikoli 4 u 5 għandha tintbagħat lill-Istat Membru kkonċernat għar-rigward ta' kull perjodu ta' mhux iktar minn xahar.

L-Artikolu 7

L-informazzjoni li Stati Membri jkunu obbligati jibagħtu lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 2 għandha tintbagħat fi żmien xahar mill-aħħar ta' kull xahar li jkun jirreferi għalih l-Artikolu 6. Din l-informazzjoni għandha tkun tikkonsisti, għal kull tip ta' żejt mhux raffinat, f'ġabra ta' *data* li l-Istati Membri jirċievu minn persuni u minn impriżi. Għal kull tip ta' żejt mhux raffinat, l-informazzjoni għandha tinkludi:

— l-ispeċifikazzjoni taż-żejt mhux raffinat, inkluża l-gravità medja ta' l-API,

— il-kwantità fi bramel,

— il-prezz *cif* medju,

— in-numru ta' kumpanniji li jirrapportaw,

— il-perċentwal tal-kontenut ta' kubrit.

L-Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-informazzjoni miġbura skond l-Artikolu 7 u tikkomunikaha lill-Istati Membri kull xahar.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin, regolarment kull tant żmien, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni. Konsultazzjonijiet bħal dawn għandhom b'mod partikolari jkunu dwar il-komunikazzjonijiet mingħand il-Kummissjoni li huma msemmija fil-paragrafu 1.

Jistgħu jiġu organizzati konsultazzjonijiet ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-pajjiżi terzi li jkunu stabbilew sistemi simili ta' l-informazzjoni.

L-Artikolu 9

1. L-informazzjoni kkomunikata skond l-Artikolu 4 u l-informazzjoni li jipprovdi għaliha l-Artikolu 7 għandha tkun kunfidenzjali. Madankollu, din id-dispożizzjoni m'għandhiex timpedixxi d-distribuzzjoni ta' l-informazzjoni f'għamla li ma tiżvelax dettalji dwar impriżi individwali, i.e. li tirreferi mill-inqas għal tliet impriżi.

2. L-informazzjoni li tintbagħat lill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 7 u l-komunikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(1) jistgħu biss jintużaw għall-finijiet ta' l-Artikolu 8(2).

3. Jekk il-Kummissjoni tiskopri, fl-informazzjoni mibgħuta lilha mill-Istati Membri skond l-Artikolu 7, li jkun hemm anomaliji u nkonsistenzi li ma jħalluhiex tikseb stampa vera ta' l-iżviluppi fil-kondizzjonijiet li taħthom ikunu saru l-importazzjonijiet u l-kunsinni, din tista' titlob lill-Istati Membri biex jippermettulha aċċess għall-informazzjoni mhux aggregata relevanti li tiġi pprovduta mill-impriżi u l-proċeduri tal-kalkolazzjoni u l-istima użati biex wieħed jasal għall-informazzjoni aggregata.

L-Artikolu 10

Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta ma' l-Istati Membri, għandha tadotta regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-20 ta' Diċembru 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

J. M. EGUIAGARAY